**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 22 ta' Frar, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Silvio Magro)**

**vs**

**Luca Di Dio**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Luca Di Dio bin Francesco u Anna Scalzo, imwieled Taormina fil-11 t' April, 2019, residenti gewwa Carluccio Amato n5, Roccella Valdemone (ME) u detentur tal-karta tal-identita Taljana bin-numru AT1271494 akkuzat talli fil-21 ta' Frar, 2019 fil-hinijiet ta' bejn 14:00 u 14:15 hrs fuq ajruplan FR2537:-

1. Pejjep gewwa kompartiment ta’ ajruplan fi zmien meta t-tipjip huwa pprojbit, permezz ta’ avviz dwar dan esibiti jew f’ isem il-kmandant ta’ l-ajruplan.
2. Pejjep sigarett jew prodott tat-tabakk fuq xi mezz tat-trasport pubbliku.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-22 ta’ Frar, 2019 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li kkopera fl-kors tal-investigazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu14(1) tal-Kap 315 kif ukoll Artikolu 50(2) tal-Kap 499 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet

kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah multa ta' erba' mitt ewro (€400).

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**